MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1456/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Alfred Incorvaja
I.D. 379462 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' hames mija u disgha Ewro u sebgha u tletin centezmu (€509.37), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici n konnessjoni mas-servizz telefoniku numru *21459072* u dak tekkeviziv numru *1425000666* moghti mis-Socjeta' attrici, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala *Dok A*.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mis-6 ta’ Lulju, 2009 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u disgha Ewro u sebgha u tletin centezmu (€509.37), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------